10 ta' Lulju, 1950.

Imħallef:

L-Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Carmelo Bezzina et. *versus* Gio Maria Bonnici et.

**Bejgħ — Azzjoni Redibitorja — Vizzju Okkult — Terminu — Art. 1481 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Sabiex jiġi deċiż f'kull każ jekk il-vizzju jew difett fil-ħaġa mixtrija jkunx apparenti jew okkult, dan il-fatt jiddependi mill-kriterju ta' l-apprezzament tal-fattijiet u taċ-ċirkustanzi taż-żmien, post, mod u persuna, li neċessarjament irid ikun imħolli fl-ekwità u l-bwon sens tal-ġudikant.*

*Biex il-venditur ikun meħlus mill-obbligu tal-garanzija "ex jure", hemm bżonn ta' żewġ kondizzjonijiet, u ċjoè li l-vizzju jkun apparenti u li x-xerrej seta' jafu waħdu. U l-liġi ma tirrikjedix fix-xerrej diliġenza u attenzjoni straordinarja, imma dik ordinarja; b'mod illi anki jekk il-vizzju jkun apparenti, ix-xerrej ma jitlefx id-dritt li jirrifjuta l-oġġett billi jkun ġie lilu konsenjat, jekk huwa ma jkollux l-agħju u l-opportunità li jeżamina l-ħaġa u jinduna "de visu" bid-difett apparenti. F'każ simili x-xerrej ma jkollux dritt jipproponi l-azzjoni redibitorja, għax il-vizzju mhux okkult; imma meta jiskopri d-difett ikollu dritt jipproponi l-azzjoni "ex contractu" jew l-eċċezzjoni "non adimpleti contractus".*

*Lanqas ma huwa redibitorju l-vizzju jekk, għalkemm fil-waqt tal-kontrattazzjoni jew tar-riċezzjoni tal-ħaġa l-vizzju ma jkunx viżibili, ix-xerrej jista' jinduna bih fi ftit attenzjoni u bi ftit eżami, jew jekk ikun oġġett normalment suġġett għall-prova meta l-istess tista' ssir bil-faċilità, jew li jkun jeżi sintomi li xerrej tal-mestjer suppost li jinduna bihom u ma jistgħax jisfuġġulu b'sempliċi ħarsa u eżami suċċint.*

*Fi kliem ieħor, il-vizzju huwa redibitorju meta, fil-waqt tal-kuntrattazzjoni jew tar-riċezzjoni tal-ħaġa akkwistata, il-ħaġa ma tippreżentax traċċi li jirrilevaw l-eżistenza ta' difetti li xerrej medjokrement attent u diliġenti ma jkunx jista' jagħrafhom u jivvalutahom waħdu.*

*Id-difett jista' jkun moħbi ukoll jekk ma jkunx jista' jimmanifesta ruħu ħlief bl-użu tal-ħaġa.*

*It-terminu għall-eżerċizzju ta' l-azzjoni redibitorja jibda jgħaddi minn dak in-nhar li fih seta' jkun li x-xerrej jikxef id-difett moħbi.*

Il-Qorti, — Rat id-deċiżjoni preliminari mogħtija minn dina l-Qorti f'dina l-kawża fil-15 ta' Ottubru 1948, minn fejn jidher x'kienet it-talba attriċi u l-eċċezzjonijiet konvenuti, kif ukoll l-attijiet kollha konkomitanti u mitluba mil-liġi, u fejn ġiet maqtugħa l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza "ratione materiae" mogħtija mill-konvenuti, fis-sens li dina l-Qorti kienet kompetenti sabiex tieħu konjizzjoni tal-kawża, bl-ispejjeż ta' l-inċident għall-istess konvenuti;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Mill-provi jirriżulta li l-atturi xtraw minn għand il-konvenuti l-mutur in kwistjoni għal ħabta tax-xahar ta' Ġunju 1948 (nofs ix-xahar). Meta l-atturi xtrawh, kienu għadhom ma ttestewx il-ħażżu tagħhom li fuqu kellhom jarmawh.......... l-mutur in kwistjoni kien ta' sekonda mano, u kien ta' proprjetà tat-tliet konvenuti.................... Meta ġie biex isir il-bejgħ, Giuseppe Bonnici, wieħed mill-konvenuti, avża lill-atturi li l-istess mutur kellu bżonn ta' tibdil tal-"piston rings" .............. u milli jidher, Salvu Bonnici qal lill-atturi biex iġibu fil xi ħadd jarah fil-garage tal-konvenuti fejn kien merfugħ u mhux jaħdem.............. u fisser ukoll li wara dak it-tibdil il-makna kienet tiġi fi stat ta' "good working order"........... Fuq dana d-diskors assikurativ l-atturi ħadu l-mutur fil-garage

tagħhom sakemm jitlesta l-luzzu li kienu qegħdin jibnu; u meta nbena f'xi l-15 ta' Awissu 1948, jumejn wara, min bniedhom il-luzzu armaħulhom u ħargu bih minn Marsalforn, Għawdex. Imma meta ġie mħaddem instab li kien jiħon, inaqqas mill-veloċità u jdaħħan.............. Meta l-atturi raw għal darba darbtejn li fil-prova l-mutur ma kienx qiegħed jaħdem soddisfaċentement, avżaw lill-konvenuti..............;

Illi mill-perizja teknika jirriżultaw fil-mutur in kwistjoni dawna d-difetti..............;

Illi meta bniedem jieħu kollox ma' kollox, il-kondizzjoni tal-mutur mhix ta' makkinarju "sea-worthy", u biex jilħaq dak il-grad li l-użu tiegħu jirrikjedi trid issir "overhaul" ġenerali li tiswa xi £100;

Illi jingħad ukoll li l-atturi akkwistaw il-mutur imsemmi bil-prezz ta' £220, mentri skond l-espert jiswa £120, għalkemm ġdid fjammant il-lum jiswa mad-£900, mentri fl-1948, bħala ġdid, kien jiswa £700 bl-"outfit" tiegħu kollu;

Illi l-perit qal ukoll, meta xeħed, li d-difetti li għandu huma okkulti, u li mechanic li ma jkunx dilettant seta' jinduna bihom jekk iżarmah kollu;

Illi jirriżulta wkoll li fis-7 ta' Settembru 1948, l-atturi ddepożitaw il-mutur in kwistjoni, u għamlu l-kawża odjerna fit-13 ta' Settembru 1948;

Tikkunsidra;

Illi sabiex jiġi deċiż f'kull każ jekk il-vizzju jew difett ikun apparenti jew okkult, dan il-fatt jiddependi mill-kriterju ta' l-apprezzament tal-fattijiet u ċirkustanzi taż-żmien, post, mod u persuna, li neċessarjament irid ikun imħolli fl-ekwità u l-bwon sens tal-ġudikant (ara Dalloz, Repertoire Vol. 33, parag. 4670);

Illi l-liġi, fl-art. 1474 tal-Kodiċi Civili, Kap. 23 tal-Liġijiet ta' Malta, ma tillimitax ruħha għall-garanzija għad-difetti li ma jidhrux; imma fl-art. 1475 tispjega ċar u eżattament il-konċett tal-leġislatur; u sabiex tneħħi kwalunkwe dubju, tiddikjara li l-venditur mhux obligat, jew ma jweġibx, għad-difetti li jidhru, illi x-xerrej seta' jaf bihom waħdu. Fi kliem ieħor, sabiex ikun hemm l-esklużjoni tal-garanzija "ex jure", hemm bżonn ta' żewġ kondizzjonijiet, u ċjoè li l-vizzju jkun apparenti u li x-xerrej seta' jsir jafu waħdu — dak

li jnissel loġikament li mhux biżżejjed li l-vizzju jkun materjalment viżibili, imma huwa neċessarju li minħabba l-kondizzjonijiet taż-żmien, post, persuna, u n-natura tas-senji esterni, l-istess xerrej waħdu mnifsu jista' jkun jaf bih u jkollu nozzjoni ta' l-eżistenza tal-vizzju. Għal dana l-fini l-liġi tirriferixxi ruħha għad-diliġenza u intelliġenza li ma hix straordinarja, imma għal dik komuni u ordinarja, li mentri tiskuża x-xerrej li ma jkunx imexxielu jinduna bil-vizzju mis-sinjali u sintomi, skond il-każ, "a contrario sensu" ma tiskużahx meta ma jindunax minn sinjali u sintomi li jolqtu millewwel l-attenzjoni ta' kwalunkwe persuna li tkun medjokrement attenta u intelliġenti. Hawn ta' min josserva wkoll — minħabba fl-iżvolġiment tal-kawża preżenti, kif jista' jidher min-noti ta' l-osservazzjonijiet "hinc inde" sottomessi middifensuri tal-kontendenti — illi jekk l-oġġett mibjugħ ikollu vizi apparenti, ix-xerrej ma jitlefx id-dritt li jirrifjuta dak l-oġġett l-għaliex lilu jkun ġie kunsinnat f'dak l-istat, fil-każ li huwa ma jkollux l-aġju u opportunità li jeżaminah u jinduna "de visu" bid-difett apparenti. Ma hemmx bżonn jingħad li fl-ipotesi sottomessa hija unanimi d-dottrina, fil-ħsieb tal-Qorti. li f'każ simili x-xerrej ma jkollux id-dritt jipproponi l-azzjoni redibitorja, l-għaliex id-difett ma jkunx okkult jew moħbi; imma meta jiskoprih ikollu d-dritt jipproponi l-azzjoni "ex contractu" jew l-eċċezzjoni "non adimpleti contractus". Fuq dan li ntqal ma jistax ikun hemm kwistjoni;

Illi għall-istess raġuni ma jkunx redibitorju l-vizzju anki jekk fil-waqt tal-kontrattazzjoni ma jkunx viżibili, imma x-xerrej ikun jista' jinduna bih bi ftit attenzjoni u bi ftit eżami, jew ikun oġġett normalment suġġett għal prova meta l-istess tista' ssir bil-faċilità, jew li jkun juri, bħal fil-każ ta' annimali, sintomi li l-kumpratur tal-mestjer suppost li jinduna bihom u ma jistgħux jisfuġġulu b'sempliċi ħarsa u eżami suċċint;

Illi meta l-liġi qalet li d-difetti li jkunu jidhru x-xerrej seta' jsir jaf bihom waħdu fil-waqt tal-kuntrattazzjoni, jew tar-riċezzjoni tal-ħaġa mibjugħa, riedet tgħid li l-kumpratur bil-mezzi personali tiegħu seta' jinduna bihom, u mhux li seta' jinduna bl-istess difetti bl-għajnuna ta' espert; l-għaliex il-liġi ma setgħetx riedet li kull min jixtri jrid ikollu l-għaj-

nuna jew il-parir ta' persuni teknici, bħal ma huma l-veterinarji fil-bejgħ ta' annimali, jew il-mechanic fl-akkwist ta makkinarju;

Illi fi kliem ieħor, il-kriterju dettat mil-ligi huwa li l-vizzju jkun redibitorju meta fil-waqt tal-kuntratt, jew tar-riċezzjoni tal-ħaġa akkwistata, l-istess ħaġa ma tipprezentax tracci, sinjali, sintomi, u apparenzi li jirrilevaw l-eżistenza jew li jkollha dawk id-difetti li x-xerrej medjokrement attent u diliġenti ma jkunx jista' jarafhom jew jivvalutahom waħdu (ara *Giur. Torino*, Vol. XXI 232; Cass. Torino, 1 Marzo 1884; Cass. Napoli, 9 ta' Mejju 1874; Appell Genova, 1 ta' Marzu 1872; Appell *Genova*, 21 ta' Diċembru 1910 (Tem. Gen. 1911, p. 13); Appell Ruma, 20 ta' Ottubru 1893 — Temi Romana Vol. XIII, paġ. 424);

Illi d-difett jista' jkun okkult meta ma jkunx jista' jimmanifesta ruħu ħlief bl-użu tal-ħaġa. Hekk igħid il-Gasca (*Compra-Vendita* Civile e Commerciale, Vol. II, parag. 1275, Torino U.T.E.T. 1915). "I difetti di una macchina motrice non possono *rilevarsi* se non mettendola in movimento. In simile caso, quand'anche il venditore non l'abbia venduta alla prova, o non abbia assunto la garanzia del buon funzionamento della medesima, egli è responsabile per quei difetti che nell'esercizio si rilevano, perchè di essi non si può acquistare *sincera conoscenza se non in seguito ad esperimenti pratici* di una certa durata. Egual cosa deve dirsi della vendita di meccanismi *destinati* a distribuire luce, calore, acqua e moto (ara Appell Genova 7 ta' Gunju 1898, Temi Generale 1898, paġ. 266), o di materie i *difetti* delle quali non possono constatarsi se non per mezzo di esame microscopico, o di analisi chimiche o di saggi dosimetrici". Ara wkoll l-istess awtur fl-istess *opra ċitata*, Vol. II, *parag.* 983, fejn igħid:— "I *difetti di* una macchina che non si conoscono che nel metterla in funzione, *i* morbi occulti di un animale, non si scoprono che quando si manifestano";

**Tikkunsidra;**

***Omissis;***

Illi kwindi, jekk fil-prova dak il-*mutur* wera d-difetti msemmija, li ma setgħux il-kumpraturi weħedhom, u lanqas per mezz ta' Michele Gauci, jindunaw bihom, u l-konvenuti

aderew għall-prova, l-istess difetti għandhom ikunu, kif fil-fatt kienu, ritenuti okkulti;

Illi kwantu għall-iskopriment tad-difetti, jingħad li skond l-art. 1481 (2) tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 23 tal-Liġijiet ta' Malta, it-terminu impost mil-liġi għall-azzjoni "de quo" jibda jgħaddi minn dak in-nhar li seta' jkun li x-xerrej jikxef dak id-difett moħbi;

Illi skond il-provi, il-mutur ġie armat fuq il-luzzu li kien in kostruzzjoni fis-17 ta' Awissu 1948; minn liema data saret il-prova u ġew konstatati d-difetti. Hawn jingħad li skond id-dottrina, jekk ikun hemm xi dubju fuq id-difett, dan id-dubju ma jġibx miegħu li jkun beda jgħaddi t-terminu. Jingħad ukoll li fis-7 ta' Settembru 1948, l-atturi ddepożitaw il-mutur, u fit-13 ta' Settembru ġew 'il quddiem b'dina l-kawża; b'mod li huma kienu fit-terminu meta għamlu l-azzjoni redibitorja;

Illi l-konsegwenza ta' dina l-azzjoni hija ċertament ir-riżoluzzjoni tal-bejgħ;

Illi di fronti għal dana li ntqal ma hemmx lok għal dina l-Qorti li tidħol fi kwistjonijiet oħra;

Għal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeċidi billi tiddikjara riżoluta l-vendita tal-mutur in kwistjoni; bl-ispejjeż kollha għall-konvenuti.